# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Romina Bugeja**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Romina Bugeja**, li għandha l-karta tal-identita bin-numri 325677M li permezz tagħha hija ġiet akkużata talli fid-9 ta' Settembru 2014 u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa "Edera", Triq Mons Anton Cilia, Ħaż-Żebbuġ, Malta mingħajr ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li kellha bl-awtorita tagħha nnifisha ħadet fil-pussess tagħha ġojjellerija u żewġ roti.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li fid-dati in kwistjoni bejn l-imputata u l-parte civile l-imputata kienet diġa ddeċidiet li tibda proċeduri ta' separazzjoni personali minn ma żewġha l-parte civile. Biss ġie soddisfaċentement ippruvat ukoll li fid-dati in kwistjoni u bejnhom, l-imputata, minn jeddha, mingħajr ftehim ma żewġha u mingħajr l-awtorita tal-awtorita' ġudizzjarja, għażlet li tieħu xi ġojjellerija li kienet mixtrija matul iż-żwieġ tagħha flimkien ma' żewġha u għal xi drabi meta ma kienetx tilbes l-istess ġojjellerija fuq il-persuna tagħha żammitha maqfula wkoll fi jewel box li kienet tinsab f'kamra li kienet sakkret u li lil żewġha kienet qaflitu barra minnha.

Għalkemm matul din il-kawża l-imputata ċaħdet li hija b'xi mod ċaħdet l-aċċess lil żewġha mill-istess ġojjellerija stante li tgħid li meta ma kienetx tilbisha kienet iżżomma merfuha fix-shower room (li jidher li kellha aċċess għaliha kemm hi kif ukoll żewġha); mill-banda l-oħra ma ċaħditx li kienet ukoll żammitha maqfula fil-kamra tas-sodda fejn kienet qegħda torqod hi u fejn hija kienet sakritha b'mod li żewġha ma setgħax jaċċedi għaliha. Dan huwa msaħħaħ ukoll bl-istqarrija li PS1125 Alfredo Mangion jgħid li semgħa lil Romina Bugeja tgħid meta ġiet mitkelma minnu. Lil dan is-surġent hija stqarret miegħu li kienet refgħet il-ġojjellerija għandha għax bdiet tibża li l-parte civile kien setgħa jbiegħa. Għalkemm din l-istqarrija mhix prova tal-kontenut tagħha, hija xorta

waħda prova li dak il-kliem qalitu. U l-istess kliem isaħħah bil-kbir it-teżi tal-prosekuzzjoni. Din il-Qorti tqis ukoll li, anke għar-raġunijiet li ġew mistqarra f'sentenza oħra mogħtija illum stess kontra l-istess imputata (riferit bħala l-każ numru 1 u li l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali għandhom *mutatis mutandis* jiġu ritenuti li japplikaw ukoll għal dan il-każ u dan sabiex ma joqgħodux jerġgħu jiġu riprodotti wkoll f'dan il-każ għall-ekonomija tal-ispazju, ħin u ġudizzju) l-elementi tar-reat ta' raġjon fattasi għandu jiġi meqjuż integrat f'dan il-każ.

Kwantu għall-ispostament tar-roti, il-Qorti rat li dawn hija ħadithom mid-dar matrimonjali tagħha għall-post magħruf mill-partijiet bħala s-"Summer House". Issa din is-Summer House jidher li hija estensjoni tad-dar ta' omm l-imputata iżda li l-imputata u żewġha kellhom aċċess liberu għaliha billi jgħaddu permezz ta' passaġġ fil-ġnien. Jirriżulta pruvat li l-imputata ċaqilqithom mid-dar matrimonjali għal din is-Summer House mingħajr il-kunsens ta' żewġha; iżda mill-banda l-oħra ma ġiex pruvat li żewġha ma kienx baqgħalu aċċess għall-istess Summer House. Anzi huwa jixhed li meta kienu għadhom sew flimkien huwa kien imur f'din is-Summer House u li din kienet aċċessibbli għalih ukoll – għalkemm huwa minħabba prudenza u etika ma kienx baqgħa jaċċedi għaliha.

Issa għall-Qorti dan ifisser li huwa kellu aċċess għal din is-Summer House li jidher li almenu kien igawdi hu ukoll (almenu fuq mera

tolleranza) bħala forma ta' estensjoni informali tar-residenzi rispettivi tagħhom, ta' omm l-imputata u ta' ħutha. Biss id-deċiżjoni jekk jaċċedix għaliha jew le kienet tiegħu (għal raġunijiet fundati) iżda tiegħu biss in kwantu minn imkien ma jirriżulta li l-aċċess għal din is-Summer House ġie negat lilu f'xi ħin. Għalhekk il-Qorti ma tistax issib l-estremi tar-reat anke fir-rigward ta' dawn ir-roti – għalkemm kien ikun aktar prudenti u għaqli għall-imputata li dawn ir-roti ma toħroġhomx mid-dar matrimonjali.

## ***Decide***

Li wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lill-imputata Romina Bugeja ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha; iżda peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħatja bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' xahrejn mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk tagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatja tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

***Mogħtija illum il-11 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***